**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 21**

**Data:** **29 ta' Ottubru, 2020**

**Hin:** **08.30am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

21.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

21.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

21.5 Korrispondenza u Rapporti;

21.6 Progett Measure 4 – 'Meeting Hub Gozo';

21.7 Dar Frangisk Portelli;

21.8 Attivitajiet;

21.9 Progetti u Xogholijiet;

21.10 Materji ohra;

21.11 Skeda ta' Pagamenti;

21.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**21.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

21.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

21.2.1 Il-Minuti tat-18, 19 u 20 laqgha tal-Kunsill gew approvati bhala dokument korrett.

21.2.2 Tonio Mifsud staqsa jekk kienx hemm xi aggornament dwar il-bankina ta' Triq Frenc ta' l-Gharb peress li ma kienx ghal-laqgha li saret b'urgenza. Kien hemm aggornament tal-laqgha li saret b'urgenza.

**21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet. Bhal ma sar is-sena ta' qabel issugerixxa li ghandu jigi organizzat 'All Saints' fejn jitqassam tifkieriet lit-tfal prezenti. Din l-attivita' tista' titella bil-kollaborazzjoni tal-Arcipriet waqt il-Quddiesa tal-10am bil-prekawzzjonijiet imhabbra mis-supretendent tas-Sahha. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u l-attivita' ghandha ssir il-Hadd 1 ta' Novembru.

21.3.2 Attivitajiet ohra li ser jigu organizzati huma l-Opra u Make Music Great kif ukoll l-organizzjoni tal-Busker in Village Festival ghal zmien l-Milied. Huwa qal li dan il-festival kien jinkludi fih numru ta' artisti li jimxu fit-toroq u janimaw bit-talent taghhom lir-residenti minghajr dawn ta' l-ahhar ikollhom bzonn johorgu mid-djar taghhom. Kien ssugerit dan jinzamm fis-27 ta' Dicembru bejn l-10am u 12pm. Is-Sindku ssugerixxa li dan il-festival jekk jirnexxi jista' jkun festival iehor li jigi organizzat fuq bazi regjonali f'Ghawdex. Kien ssuggerit li waqt il-festival tista' ssir gabra ghall-Community Chest Fund. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel mas-suggeriment li jsir il-festival u ser issir talba lil NGO biex jghin fil-gbir tal-fondi b'risq il-Community Chest Fund.

21.3.4 L-attivita' ta' l-Opra ghal din is-sena kien ippjanata li ssir fid-19 ta' Novembru, 2020. Gie spjegat li peress li Novembru huwa maghluq fejn jidhlu attivitajiet, is-Surmast tal-Banda kien issugerixxa li din tigi posposta ghall-4 ta' Dicembru, 2020. Fl-istess weekend isir ukoll il-Make Music Great. Kif diga gie diskuss fl-laqghat precedenti dan isir b'mod differenti pero' qabel irid jinzamm ir-risk

assessment u ma jkunx hemm direttivi differenti minn dawk prezenti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel ma dan is-suggeriment sakemm ma jkunx hemm xi direttivi kontrarju mis-supretendent tas-sahha.

21.3.5 Is-Sindku ssugerixxa sabiex fil-Bord tat-turizmu li kien hemm qbil li jitwaqqaf ghandu jkun hemm rapprezentat tar-ristoranti kif ukoll iehor tal-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi. Il-Kunsill iddiskuta persuni li jistghu jaghmlu parti minn dan il-kumitat fejn bhala ristoranti gie nominat is-Sur Joe Rapa u bhala Villagg tas-Snajja is-Sur George Farrugia. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jigu avvincinati sabiex ikunu parti minn dan l-imsemmi bord.

21.3.6 Is-Sindku ssugerixxa li jsir kors tal-presepju online darbtejn fil-Gimgha. Gie diskuss kif jista' jsir dan il-kors. Miriam Borg issugeriet li ghandha tinhareg lista' ma' l-avviz tal-materjal li jkun hemm bzonn biex il-partecipanti jkollhom kollox disponibbli. Il-Kunsill qabel li l-kors ghandu jsir online permezz tal-Facebook pero' fl-istess waqt issir registrazzjoni biex il-Kunsill ikollu data ta' kemm qeghdin isegwu l-kors.

21.3.7 Is-Sindku spjega li f'dawn l-ahhar granet kien avvicina lis-sid tal-post li kien jintuza bhala kazin fil-Pjazza sabiex il-garaxx tal-post jintuza b'mod temporanju bhala Bus Shelter. Is-Sindku qal li huwa ha l-inizjattiva u trangat l-art u ghandu jitpogga bozza LED u bank. Miriam Borg issugerit li l-post jigi disinfettat kull jumejn. Is-Sindku qal li ghal futur trid issir bus shelter fejn minhabba l-problema li m'hemmx spjazju jekk ma jkunx quddiem ir-residenzi huwa kien sab fis-suq bus shelters kollha hgieg li jkollha forma ta' U. Huwa qal li jekk din tinqala' mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u mit-Transport Malta din ma tkunx *eyesore.* Il-Kunsill iddiskuta z-zoni fejn tista' tehel fil-pjazza. Tonio Mifsud issugerixxa li din tista' titpogga fejn hemm il-parkegg tal-GoTo filwaqt li s-Sindku qal li din il-materja trid tkun studjata. Il-Kunsill qabel li dan is-suggett ghandu jerga' jigi diskuss fil-futur meta jkun wasal iz-zmien li jigi implimentat il-progett. Mill-banda l-ohra l-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi fuq il-bus shelters li hemm pendenti sabiex dawn jitwahhlu.

## 21.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

21.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 21.5 Korrispondenza u Rapporti

21.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar:
PA/06615/20, PA/06656/20, PA/06945/20 u PA/07046/20.

21.5.2 Korrispondenza mir-Regjun ghal Ghawdex fejn qed jigi propost li tinghata ikla b'xejn ghal kull min qieghed id-dar wahdu, morda, vulnerabbli jew anqas ixxurtjati fil-gurnata tal-Milied. Din l-ikla ser tigi pprovduta mir-Regjun ghal Ghawdex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddiskuta din il-

korrispondenza u qabel li ghandu jippartecipa u jinhareg l-avviz.

21.5.3 Korrispondenza mir-Regjun ghal Ghawdex fejn giet issugerita' li ssir attivita' ta' Carol Singing minn kor tar-rahal biex iferhu lir-residenti gewwa djarhom. Din l-attivita' hija proposta li ssir b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u r-Regjun. Is-Sindku ssugerixxa li ghandhu jigi avvicinat l-kor ta' l-orkestrina tal-parrocca u naraw jekk ikunux interessati. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

21.5.4 Gew trattati s-survey li saru mar-residenti ta' l-isqaqien fi Triq San Pietru bl-ismijiet proposti fejn jidher li r-residenti kienu qed jaqblu. Il-Kunsill min-naha tieghu qabel ukoll li ghandu jmexxi u jitlob li jinghataw l-ismijiet proposti lil dawn l-isqaqien.

21.5.5 Giet trattata korrispondenza mit-Transport Malta fir-rigward ta' talba ghall-parkegg ghall-persuni b'dizabilita' fil-Pjazzetta l-Isqof Nikol G. Cauchi. Gie spjegat li fl-applikazzjoni l-persuna li kienet qeghda taghmel it-talba kienet indikat li tappartjeni garaxx u normalment il-procedura titlob li min ikollu garaxx ma jinhariglux parkegg ghall-persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn fost ohrajn gie innotat li ftit metri 'l boghod mill-Pjazzetta jigifieri fi Sqaq l-Arcipriet kien hemm diga parkegg ghall-persuni b'dizabilita' u iehor fil-bidu ta' Triq Dun Alwig fejn il-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna. Gie innotat ukoll li madwar il-lokalita' diga hawn numru sostanzjani ta' parkeggi ghall-persuni b'dizabilita' fejn dawn kienu jammontaw ghal madwar tlettax-il parkegg u dawn it-tip ta' parkeggi kienu qeghdin dejjem inaqqsu l-problema ta' parkeggi ghall-bqija tar-residenti fejn sfortuntament diga hawn nuqqas ta' parkeggi b'mod partikolari fiz-zona fejn qeghda ssir it-talba. Tonio Mifsud qal li huwa jaqbel mat-talba. Joseph Mizzi ssugerixxa li l-parkegg ghall-persuni b'dizabilita' li jinsab fil-bidu ta' Triq Dun Alwig Mizzi jitnehha u jsir wara l-knisja. Gie suggerit ukoll li l-parkegg riservat ghal zewg karozzi tal-GotoGo jitnehha mill-Pjazza u jigi rilokat fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill innota ukoll li ma' genb il-knisja fuq in-naha ta' Triq Virtut ser issir zebra crossing u ghaldaqstant anke jekk kien isir xi tip ta' parkegg hemmhekk dan ser jitnehha ukoll. Tonio Mifsud issugerixxa ukoll li jsir sleeping policeman fejn iz-zona tal-club tal-futbol fejn giet migbuda l-attenzjoni li biex isiru dawn trid tintalab l-approvazzjoni tar-residenti minhabba problema ta' storbju. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku astejna mid-diskussjoni u talab lill-Vici-Sindku jkompli jmexxi l-laqgha. Il-Vici-Sindku kompla jmexxi l-laqgha u qal li fl-opinjoni tieghu din ghandha tigi injorata. Joseph Mizzi qabel mieghu filwaqt li Tonio Mifsud baqa' mall-pozizzjoni li dan ghandu jkun approvat. Miriam Borg qalet li jekk fl-applikazzjoni kien hemm li l-applikant ghandu garaxx din kellha taqa' b'mod awtomatiku. Il-Vici-Sindku talab ghall-votazzjoni il-Kunsill ma qabilx b'tlett voti kontra u wiehed favor li jsir il-parkegg.

21.5.6 Giet trattata korrispondenza minghand il-Lands Authority fejn il-Kunsill kien infurmat li d-dar li kienet ta' Frangisk Portelli giet skedata.

21.5.7 Giet trattata korrispondenza minghand il-Lands Authority b'approvazzjoni ghall-

applikazzjoni GOV1/2020/0857 li titratta dwar iz-zona ta’ madwar il-pinnur fi Triq San Dimitri. Joseph Mizzi staqsa dwar x’ser isir f’din iz-zona fejn gie spjegat li ser jitranga l-hajt tas-sejjieh, isir tisbih fil-greenery, jitpogga bank u rrangar iehor. Miriam Borg staqsiet jekk il-bankijiet li hemm fejn Triq San Dimitri jistghux jitrangaw u jitpoggew zewg bankijiet ohra. Fuq l-istess punt Joseph Mizzi staqsa jekk jistax jitpogga bin f’din iz-zona. Il-Kunsill qabel ma’ dawn is-suggerimenti.

**21.6 Progett Measure 4 – ‘Meeting Hub Gozo’**

21.6.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika ghall-fondi mall-Gozo Action Group Foundation sabiex issir Meeting Hub fit-tieni sular tal-Kunsill. Gie spjegat li din l-applikazzjoni giet milqugha pero’ l-kuntratt jista’ jigi ffirmat biss jekk ikun hemm l-approvazzjoni min-naha tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet biex isir ix-xoghol. Is-Sindku spjega li galdarba jkun hemm approvazzjoni u ffirmar tal-kuntratt il-Kunsill ikun jista’ jmexxi bil-hrug ta’ l-offerti’. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu l-offerti mehtiega.

**21.7 Dar Frangisk Portelli**

21.7.1 Dan il-punt gie diskuss waqt il-korrispondenza.

**21.8 Attivitajiet**

21.8.1 L-attivitajiet gew diskussi precedentament waqt il-komunikat tas-Sindku.

**21.9 Progetti u Xogholijiet**

21.9.1 Gie spjegat li beda’ x-xoghol fuq it-trinka ta’ l-Enemalta fi Triq Birbuba u dan ser jigi segwit bix-xoghol fuq it-trinka ta’ l-ilma. Gie spjegat ukoll li ser kull min ser jibni bini gdid ser ikollu jaghmel culvert u l-pipijiet ser ikunu jistghu jghaddu biss minn gewwa fih. Il-Vici Sindku staqsa dwar il-parti ta’ Triq Tumas Cassar li ghandha tinfetah kienx hemm xi zvilupp. Gie spjegat li fuq dan il-punt ghaddejin diskussjonijiet bejn il-Kurja u d-Dipartiment ta’ l-artijiet sabiex titnehha l-gate.

**21.10 Skeda ta’ Pagamenti**

21.11.1 Flimkien ma’ l-iskeda tal-pagamenti gew ipprezentati zewg kontijiet ghall-kera ta’ uzu ta’ l-eghlieqi ghall-Kite and Wind festival tas-Sur Dominic Camilleri u tas-Sur Jimmy Piscopo ghall-ammont ta’ €150 kull kont.

21.11.2 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

**21.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

21.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Gimgha, 27 ta’ November, 2020 fit-8.30am.

21.11.2 Il-laqgha spiccat fil-9.50am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |